Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

21 ta' Lulju, 1998

ATT Nru. XIX ta' l-1998

ATT biex jemenda diversi liġijiet dwar it-telegrafija mingħajr fili u t-telekomunikazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 biex Jemenda Diversi Liġijiet dwar it-Telekomunikazzjoni. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fil-31 ta' Diċembru, 1997.

2. Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, Kap. 49.

"(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, ebda azzjoni ma għandha tittieħed kontra xi persuna illi, għax kellha liċenza tat-telegrafija mingħajr fili u tkun naqset li tħallas id-dritt stabbilit għat-tiġdid tagħha, tħallas, fi żmien tletin jum mill-għeluq ta' dik il-liċenza, jew f'dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, id-dritt tal-liċenza dovut għat-tiġdid tal-liċenza, lanqas ma għandha tittieħed xi azzjoni jekk, wara li jiskadi l-imsemmi perjodu ta' tletin jum jew dak il-perjodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, persuna kif hawn aktar qabel imsemmija tħallas fi żmien sebat ijiem minn meta

ssirilha talba bil-miktub biex hekk tħallas, f'dak l-uffiċċju li jiġi hekk indikat fit-talba, penali li tkun daqs darbtejn id-dritt tal-liċenza fil-każ ta' drittijiet tal-liċenza sa tnax-il lira u ħamsa u għoxrin lira fil-każ ta' drittijiet tal-liċenza ta' iżjed minn tnax-il lira, b'żieda mad-dritt dovut għat-tiġdid tal-liċenza.".

Emenda ta' l-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, Att XXXIII ta' l-1997.

3. L-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok it-tifsira ta' "frekwenza" fl-artikolu 2 tiegħu, għandha tidħol it-tifsira li ġejja:

" "frekwenza" tfisser l-għadd ta' ċikli sħaħ fis-sekonda ta' mewġa ta' enerġija elettromanjetika;";

(b) fit-test Ingliż tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 tiegħu, minflok il-kliem "of from any obligation" għandhom jidħlu l-kliem "or from any obligation";

(ċ) minnufih wara l-artikolu 14 tiegħu għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Projbizzjoni ta' servizz ta' *call-back*.

14A. (1) Ħadd ma għandu juża jew iħalli lil min juża jew jippermetti li tintuża xi infrastruttura ta' telekomunikazzjoni pubblika jew xi apparat li jkunu jagħtu servizz ta' *call-back* jew li jagħmlu xi ħaġa sabiex tiffaċilita jew iġġib 'il quddiem l-użu ta' xi infrastruttura ta' telekomunikazzjoni pubblika jew xi apparat li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għoti, it-tħaddim jew l-użu ta' xi servizz ta' *call-back*.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, "servizz ta' *call-back*" tfisser servizz offrut minn xi ħadd li ma jkunx provditur awtorizzat u li jkun jiżgura għal persuna f'Malta dħul f'dak is-servizz permezz ta' mogħdija minn ġo infrastruttura ta' telekomunikazzjoni pubblika, lejn infrastruttura ta' telekomunikazzjoni pubblika jew servizz ta' telekomunikazzjoni pubbliku li jkunu ekwivalenti f'xi pajjiż jew territorju ieħor, b'kull mezz tekniku li jkun, u li jkun jirrendi possibbli għal dik il-persuna li tkun tista' tuża dik l-infrastruttura jew dak is-servizz bħallikieku dak is-servizz kien stabbilit f'dak il-pajjiż jew territorju, u tinkludi kull servizz sew jekk awtomatizzat sew jekk le, li bih jinkiseb id-dħul imsemmi hawn aktar qabel.

(3) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu m'għandux ikun japplika għal kull ħaġa li tista' tintgħamel minn provditur awtorizzat għax din tkun permessa minn, jew skond awtorizzazzjoni jew regolament taħt dan l-Att.";

(d) l-artikolu 15 għandu jiġi emendat kif ġej:–

(i) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:–

"(l) Ikun hemm mekkaniżmi għal rati li jkunu jippermettu għal bidliet fil-ħlasijiet li jkollhom isiru għal servizzi ta' telekomunikazzjoni u dawk il-mekkaniżmi għal rati għandhom ikunu tali hekk kif jistgħu jiġu stabbiliti mir-Regolatur u pubblikati fil-Gazzetta. Il-mekkaniżmi għal rati jistgħu jiġu stabbiliti għal dak iż-żmien li jista' jiġi hekk deċiż mir-Regolatur.";

(ii) minflok il-kliem "Provditur awtorizzat" fis-subartikolu (2) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "Meta ma tkunx għadha ġiet stabbilita rata, jew meta provditur awtorizzat ikun jixtieq jagħmel bidla f'rata eżistenti li ma jkunx hemm provdut dwarha f'mekkaniżmu għal rati eżistenti, provditur awtorizzat"; u

(iii) minflok il-kliem "tletin jum" fil-proviso tas-subartikolu (4) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "sittin jum";

(e) fl-artikolu 20 tiegħu, minnufih wara s-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:–

"(4) Il-linji direttivi stabbiliti bis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandhom, bla ħsara għal kull dispożizzjoni li tkun tinsab fi ftehim bħal dak, ikunu wkoll japplikaw għal kull ftehim magħmul qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att li jkun jipprovdi għal interkomunikazzjoni kull darba li dak il-ftehim ikollu jiġi rivedut skond id-dispożizzjonijiet tiegħu u kull tilwima li jista' jkun hemm dwar ir-reviżjoni ta' dak il-ftehim għar-rigward tal-patti u l-kondizzjonijiet tiegħu: u jekk dik it-tilwima ma tiġix riżoluta permezz ta' ftehim bejn il-partijiet fi żmien disgħin jum minn meta tqum it-tilwima, kull parti tista' tirreferi l-kwistjoni lir-Regolatur taħt l-artikolu 22 ta' dan l-Att, u r-Regolatur, meta jiġi biex jiddeċiedi dwar xi tilwima bħal dik, għandu jimxi skond il-linji direttivi msemmija qabel.";

(f) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tiegħu, minflok il-kliem "l-artikolu 18" għandhom jidħlu l-kliem "l-artikolu 17";

(ġ) fl-artikolu 33 tiegħu, minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandhom jidħlu dawn is-subartikoli li ġejjin:–

"(3) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jawtorizzaw lir-Regolatur li jsemmi dawk is-servizzi li għandhom jiġu provduti bħala obbligazzjonijiet ta' servizz universali, u jeħtieġu lil xi provditur awtorizzat wieħed jew iktar li jipprovdi dawk is-servizzi.

(4) Meta jsiru regolamenti taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, ir-Regolatur ikollu s-setgħa li joħroġ direttivi li jkunu jsemmu l-obbligazzjonijiet ta' servizz universali u jeħtieġu lil xi provditur awtorizzat wieħed jew aktar li jipprovdi dawk is-servizzi, jew xi wieħed jew iktar minnhom, skond dawk il-patti u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu hekk speċifikati fihom, inklużi patti u kundizzjonijiet li taħthom xi wieħed jew iktar minn dawk is-servizzi għandhom jiġu provduti mingħajr profitt jew b'telf raġonevoli lill-provditur awtorizzat.

(5) Meta r-Regolatur joħroġ direttiva taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, huwa għandu jew fl-istess direttiva jew permezz ta' direttiva ulterjuri, jipprovdi dwar dak il-mekkaniżmu għal rati hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ u xieraq sabiex jiżgura li, meta n-nefqa addizzjonali għall-provdiment ta' obbligazzjonijiet ta' servizz universali minn xi provditur awtorizzat wieħed jew iktar tkun ogħla mid-dħul addizzjonali li jinkiseb minnhom minn dak il-provditur jew provdituri, il-piżijiet li jirriżultaw mill-obbligazzjonijiet hawn aktar qabel imsemmija għandhom jinqasmu b'mod ġust bejn il-provdituri awtorizzati kollha li jiġu speċifikati bħala kontributorji fir-regolamenti."; u

(h) fl-artikolu 36 tiegħu, minnufih wara s-subartikolu (4) għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 29 sa 34 (iż-żewġ artikoli inklużi) ta' l-Att imħassar b'dak is-subartikolu għandhom jibqgħu iseħħu u jkomplu jkollhom effett, u għandhom jitqiesu bħala li dejjem baqgħu fis-seħħ

u komplew ikollhom effett, għar-rigward ta' l-uffiċjali pubbliċi msemmija f'dawk l-artikoli; u mid-data tat-tħassir ta' dak l-Att, id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel għandhom iseħħu bħallikieku kull referenza li hemm fihom għal Telemalta huma referenza għall-kumpannija msemmija.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 242 tal-15 ta' Lulju, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati